MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 970/2007

**Tunstall Construction Co. Ltd.**
**(Numru ta' Registrazzjoni C 40756)**

**-vs-**

**Giuseppe Mineo**
**(Passaport Taljan Numru A399754)**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fit-18 ta' Settembru 2007 fejn jinghad testwalment hekk -

" 1. Illi s-socjeta' attrici ezegwiet diversi xogholijiet konsistenti *f'sandblasting,* xoghol fuq il-fil, *trenching* u xogholijiet ohra tal-gebel fil-fond Vault No.3, Valletta Waterfront, il-Belt, illum gestit bhala ristorant bl-isem 'Casanova' ;

2. Illi s-socjeta’ attrici ezegwiet dawn ix-xogholijiet fuq inkarigu tal-konvenut ;

3. Illi dawn ix-xogholijiet gew ezegwiti tempestivament u skont is-sengha u l-arti izda minkejja dan, il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas il-bilanc tal-prezz minnu dovut lis-socjeta’ attrici ;

4. Illi l-bilanc tal-prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici ghal dawn ix-xoghjolijiet jammonta ghas-somma ta’ disat elef sitt mija u erbgha u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm9654.58) [ekwivalenti ghal €22,489.37] ;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

6. Illi in vista tal-fatt illi l-konvenut ma jifhimx bil-lingwa Maltija, dan ir-rikors guramentat qed isir u jigi notifikat lilu kemm bil-ligwa Maltija u kif ukoll bil-lingwa Ingliza u dan a tenur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti –

(i) prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta’ attrici u ghandu jaghtiha s-somma ta’ disat elef sitt mija u erbgha u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm 9,654.58) [ekwivalenti ghal €22,489.37] rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici ghal diversi xogholijiet konsistenti f’*sandblasting*, xoghol fuq il-fil, *trenching* u xogholijiet ohra tal-gebel ezegwiti mis-socjeta’ attrici fil-fond Vault No.3, Valletta Waterfront, il-Belt fuq inkarigu tal-konvenut ; u

(ii) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ disat elef sitt mija u erbgha u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm 9,654.58) [ekwivalenti ghal €22,489.37] minnu lilha dovuta ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 20 ta' Awissu 2007, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1225/07, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1226/07 u bl-imghax legali mit-28 ta' Lulju 2007 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni. "

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija attrici.

**Rat** ir-risposta mahlufa presentata mill-konvenut fl-1 ta' Frar 2008 li testwalment tghid hekk –

" 1. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fl-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici dawn mhumiex kontestati salv il-verifika tal-estent tax-xogholijiet li fir-realta' saru u salv dak li ser jinghad aktar 'il quddiem ;

2. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu huma kontestati peress li mhux ix-xogholijiet kollha gew esegwiti tempestivament u skont is-sengha u l-arti u fi kwalsiasi kaz il-prezz patwit kien ferm anqas minn dak li l-hlas tieghu qieghed jintalab illum ;

3. Illi l-fatti kif dikjarati fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati ;

4. Illi l-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati ;

5. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici r-rikorrent ma ghandux xi jghid ;

6. Illi l-eccipjent qieghed iressaq is-segwenti eccezzjonijiet kontra t-talbiet tar-rikorrenti :

6.1. Fl-ewwel lok li l-ammont mitlub ma huwiex dovut kemm ghaliex ma jirrappresentax is-somma pattwita bejn il-partijiet ghall-esekuzzjoni tal-appalt in kwistjoni kif ukoll ghaliex ma sarux ix-xogholijiet kollha pattwiti u/jew skont is-sengha u l-arti ;

6.2 Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz illi fil-kors tal-kontrattazzjoni tal-appalt il-kuntrattur, bhala bniedem espert fis-sengha, kellu l-obbligu li jindika korrettement lill-intimat ic-cirkostanzi teknici kollha rilevanti izda minflok irraprresenta hazin uhud mic-cirkostanzi rilevanti b'mod li kiseb l-accettazzjoni tal-intimat b'mezzi qarrieqa. Inoltre f'kaz ta' zidiet fil-prezz kellu l-obbligu li jindika dawn lill-klijent tieghu b'mod tempestiv ;

6.3 Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni ;

6.4. Illi ghal kull bwon fini qieghed jigi ndikat mill-eccipjent li l-eccezzjonijiet hawn moghtija huma separati u indipendenti minn xulxin u qeghdin jinghataw kull wahda bla pregudizzju ghall-ohrajn.

6.5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut u d-DOK GM1 esebit flimkien mar-risposta mahlufa.

**Rat** il-provi li ressqet il-kumpannija attrici.

**Rat** li l-konvenut kellu jressaq il-provi tieghu fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2009 u minflok la deher hu, la dehru d-difensuri tieghu u lanqas ressaq provi. Ghalhekk din il-Qorti ddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-konvenut in linea mad-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2009 u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghall-udjenza tal-5 ta' Novembru 2009.

**Rat** li ghall-udjenza tal-5 ta' Novembru 2009, deher biss id-difensur tal-kumpannija attrici li ghamel sottomissjonijiet bil-fomm.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2009 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

Il-provi tal-kumpannija attrici kienu dawn –

<u>Emanuel Buttigieg</u> – direttur tal-kumpannija attrici – xehed viva voce fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2008 (minn fol 23 sa fol 25). Meta ra l-fond tal-konvenut l-ewwel darba kien vojt u kien qed jintuza bhala *store*. Pero' kellu jigi konvertit f'ristorant. Intalab stima ghal xoghol ta' *sandblasting* fuq gewwa tal-bini u fil-kcejjen. Ma nghatax l-*area* preciza fejn kellu jsir is-*sandblasting*. Huwa pero' ta stima ta' *area* approssimattiva kalkolata bil-metru kwadru. Huwa hejja l-istima bil-miktub lill-konvenut li min-naha tieghu ffirmaha. Wara li beda s-*sandblasting* il-konvenut qallu biex jaghmillu bini fuq il-pjanta. Ix-xoghol kellu jieqaf sakemm il-konvenut gab il-pjanti u mbaghad kompla bix-xoghol. Huwa ghamel is-*sandblasting* fejn kien jaf li mhux se jsir bini. Il-perit tal-konvenut kien Ronald Muscat Azzopardi. Is-*sandblasting* kien jinvolvi t-tikhil u ghalhekk inkarika persuna biex taghmel dak it-tikhil. Il-konvenut kien imur fuq il-post *on and off* isegwi x-xoghol u qatt ma lmenta mix-xoghol. L-istess il-Perit Muscat Azzopardi. *On site* kien ikun hemm ukoll Clarissa Caruana. Qabel sar il-bini fuq il-pjanta tal-Perit Muscat Azzopardi, huma fethu l-art tal-konkos biex jaccertaw ruhhom mill-pedamenti qabel jibdew bil-bini. Kien hemm okkazjoni waqt ix-xoghol fejn minhabba zball fil-kalkolu tal-gholi li sar mill-Perit Muscat Azzopardi, huma kellhom jaqilghu saqaf tal-konkos li kien diga' sar, ighollu filata aktar 'il fuq u jergghu jqeghdu saqaf iehor tal-konkos. Dan ix-xoghol *extra* kien jinvolvi tlitt ijiem xoghol minn hamsa min-nies. Meta x-xoghol tlesta kollu, kien accettat mill-konvenut. Kien wara li nghata l-kont li l-konvenut sab oggezzjoni. Waqt ix-xoghol, il-konvenut hallas Lm 1,950 f'zewg akkonti. Pero' l-bilanc baqa' ma thallasx. Ghalhekk saret il-kawza.

<u>Emanuel Buttigieg</u> rega' xehed viva voce fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2008 (fol 37). Huwa esebixxa DOK EM1 bid-data tat-23 ta' Mejju 2007 (fol 36) li kienet l-istima tas-*sandblasting and pointing of walls.* Kienet kalkolata b'rata ta' hlas ghal kull metru kwadru. Fid-dokument tidher il-

firma tal-konvenut. Ix-xoghol ta' *sandblasting* sar minn *subcontractor* inkarikata mill-kumpannija attrici bl-approvazzjoni tal-konvenut. Il-pjanti tal-postijiet fejn kellu jsir il-bini waslu wara li s-*sandblasting* kien diga' qed isir. Meta s-*sandblasting* tlesta kollu, sar il-kejl tieghu. Dan sar minnu u mis-*subcontractor* Joseph Farrugia. Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-kejl. Lanqas dwar ir-rati. Il-VAT kienet eskluza mir-rata. Huwa esebixxa wkoll il-kont finali DOK EM2 bid-data tat-28 ta' Lulju 2007 (fol 35). Waqt ix-xhieda tieghu, Buttigieg fisser u spjega l-kont fid-diversi partiti tieghu. Il-periti tal-konvenut approvaw ix-xoghol taghhom. Wara li l-konvenut ircieva l-kont finali, huwa oggezzjona ghall-kejl (mhux ghar-rata) fil-kont tas-*sandblasting* ghaliex qal li l-kont kien gie gholi wisq. Buttigieg wiegeb li kollox sar bil-kejl. Fuq il-*quotation* DOK EM1 l-area kienet approssimattiva.

<u>Francis Calleja</u> – *skilled labourer* mal-kumpannija attrici xehed bl-affidavit (fol 29). Ix-xoghol ta' *sandblasting* fil-fond tal-konvenut sar minn *sub-contractor* tal-kumpannija attrici. Huwa flimkien ma' Emanuel Buttigieg u tliet haddiema ohra tal-kumpannija attrici ghamlu x-xoghol tal-bini ta' kmamar li kellhom iservu bhala *store*, kcina, *toilet* u *changing room* tal-impjegati tar-ristorant. Huwa kkorrabora dak li xehed Emanuel Buttigieg dwar il-kxif tal-art tal-konkos biex jaraw il-pedamenti qabel jibnu. Pero' huwa zied dettalji dwar ix-xoghol involut. Kollox sar bis-sengha u skont l-istruzzjonijiet tal-Perit Muscat Azzopardi. Fuq il-post kienet tkun regolarment il-Perit Clarissa Caruana, li kienet tahdem mal-Perit Muscat Azzopardi. Ix-xhud spjega kif sar il-bini attwali u cioe' id-divizorji, il-pilastri, it-travi u s-saqaf. Huwa kkorrabora lil Emanuel Buttigieg dwar il-kwistjoni tas-saqaf li kellu jinqala' u jerga' jsir. Il-kumpannija ghamlet ukoll xoghol *extra* u ta lista tieghu bid-dettalji. Wara li tlesta kollox, naddfu l-fond mill-materjal u d-*debris* u kollox tqieghed fl-i*skips*. Ix-xoghol dam sejjer madwar xahrejn.

<u>Claudio Micallef u Benjamin Curmi</u> – zewg *skilled labourers* ohra tal-kumpannija attrici xehdu bl-affidavit (fol 32 u fol 54). Ix-xhieda taghhom hija prattikament *carbon-copy* tax-xhieda ta' Francis Calleja.

Charles Demanuele – impjegat fir-*real estate* ma' Cassar & Cooper – xehed viva voce fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2008. Kien il-persuna li ndika lill-kumpannija attrici lill-konvenut biex tkun il-kuntrattur tax-xogholijiet li ried jaghmel fil-fond li kien kera fil-Valletta Waterfront biex isir ristorant. Peress li Emanuel Buttigieg ma kienx jitkellem it-Taljan u l-konvenut kien jitkellem biss it-Taljan, huwa intervjena biex iwassalhom ghal ftehim kif fil-fatt gara izda minn hemm 'il quddiem ma baqax aktar involut. Jaf li ftehmu dwar prezzijiet pero' ma ftakarx dettalji. Huwa ssuggerixxa wkoll bhala periti lil Clarissa Caruana.

Fl-istess udjenza xehed ukoll viva voce Joseph Sciberras (fol 59) li kien jahdem mal-kumpannija attrici u li fil-qosor hafna u minghajr dettalji spjega x-xoghol li sar fil-fond tal-konvenut.

Xehed Joseph Camilleri bl-affidavit (fol 62). Dan kien il-kuntrattur tas-*sandblasting* u *pointing* li tqabbad mill-kumpannija attrici. Fis-sostanza huwa kkorrabora x-xhieda ta' Emanuel Debattista.

Il-Perit Claris Caruana xehdet viva voce fl-udjenza tas-7 ta' April 2009 (fol 68). Hija rat il-fond de quo ghall-ewwel darba meta kien ghadu gebel u saqaf u kellha l-inkariku li taghmel *layout* tal-imwejjed tar-ristorant u *sketches* ta' kif se tkun il-kcina u t-*toilets*. L-inkariku taghha kien restawr mhux supervizjoni. Meta mbaghad dahal il-Perit Ronald Muscat Azzopardi minhabba x-xoghol strutturali allura kellha kompitu ta' supervizjoni. Hija kienet tmur fil-post madwar tliet darbiet fil-gimgha. Ittellghu l-hitan tal-kcina u wara s-soqfa bit-travetti u l-*bricks*. Fix-xoghol tat-tikhil, hija ma kenitx involuta. Il-klijent taghhom kien il-konvenut. Ikkonfermat li huma kienu ppjantaw saqaf f'gholi mod u taw struzzjonijiet lill-kumpannija attrici biex tibni f'dak l-gholi, izda meta parti minnu nbena, il-konvenut ra li kien baxx u riedu joghla b'filata. Ghalhekk taw struzzjonijiet godda lill-kumpannija attrici, din nehhiet li kien hemm u bniet saqaf iehor b'zieda ta' filata fl-gholi. Il-kumpannija attrici hadmet sewwa tant li x-xoghol kien certifikat li sar skont is-sengha. Huma ma dahlux fil-*costings* tax-xoghol.

Il-Perit Ronald Muscat Azzopardi xehed viva voce fl-istess udjenza (fol 76). Dan ikkorrabora x-xhieda tal-Perit Caruana anke dwar il-kwistjoni tas-saqaf tal-kcina li wara ghola b'filata mill-pjan originali. Ix-xoghol li sar fil-fond kien jinvolvi bini ta' hitan u soqfa, tqeghid ta' trinek u kisi. Huma kienu nvoluti biss fl-istruttura mhux fil-*finishings*. Ghalhekk huma ssorveljaw l-istruttura. Ix-xoghol ta' kostruzzjoni sar sewwa.

Is-socjeta' attrici esebiet DOK TC1 li hija *invoice* dwar hlas ghal kiri ta' *open skip* ghal uzu qrib il-fond de quo u DOK TC2 li hija *invoice* ghal hlas ta' kiri ta' makkinarju ghal *trenching.*

**Ikkunsidrat –**

Il-konvenut ma ressaqx provi ghajr dak li jirrizulta mir-risposta mahlufa u cioe' -

1) Ried jivverifika l-estent tax-xogholijiet li fir-realta' saru.

2) Mhux ix-xogholijiet kollha gew esegwiti tempestivament u skont is-sengha u l-arti.

3) Il-prezz patwit kien ferm anqas minn dak pretiz.

4) Fil-kors tal-kontrattazzjoni tal-appalt, il-kuntrattur, bhala bniedem espert fis-sengha, kellu l-obbligu li jindika korrettement lill-intimat ic-cirkostanzi teknici kollha rilevanti izda minflok irraprresenta hazin uhud mic-cirkostanzi rilevanti b'mod li kiseb l-accettazzjoni tal-intimat b'mezzi qarrieqa.

5) Fil-kaz ta' zidiet fil-prezz kellu l-obbligu li jindika dawn lill-klijent tieghu b'mod tempestiv.

6) Huwa rrefera ghar-rapport tal-Perit Philip B. Grech tat-30 ta' Jannar 2008.

**Ikkunsidrat –**

Rinfaccjata mill-fatt li wara l-presentata tar-risposta mahlufa l-konvenut ma ressaqx provi, propju ghaliex dmir din il-Qorti huwa li taghmel gustizzja skont il-ligi, hija obbligata tqis dak li sostna l-konvenut sabiex iwiegeb ghall-provi li ressqet is-socjeta’ attrici. Jekk din il-Qorti se toqghod biss fuq il-kontenut tar-risposta mahlufa tal-konvenut, allura se tghid bla diffikulta’ ta’ xejn li ghax l-oggezzjonijiet tal-konvenut ghat-talbiet attrici huma generici u minghajr prova in sostenn, allura jibqghu biss allegazzjonijiet li kontrihom isibu hajt ta’ provi li ressqet is-socjeta’ attrici. Jekk pero’ din il-Qorti, propju ghaliex hija fid-dmir li taghmel gustizzja, mal-istqarrija tal-konvenut, se tqis ukoll ir-rapport li hejja l-Perit Philip Grech fuq inkariku tal-konvenut, allura l-kawza tiehu xejra diversa. L-unika tarka li jifdallu l-konvenut huwa propju dak ir-rapport, li din il-Qorti se taccettah bhala prova ghall-kontenut tieghu ghalkemm mhux mahluf, kif daqstant iehor se taccetta bhala prova dokumenti ohra mhux mahlufa li ppresentat is-socjeta’ attrici. Naturalment kull prova guramentata li ressqet is-socjeta’ attrici se tinghata piz notevoli fl-assjem tal-konsiderazzjonijiet taghha.

Bhala punt tat-tluq minn dak li ghadu kif inghad, u limitatament dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li l-bini kommissjonat lis-socjeta’ attrici ma sarx skont l-arti u s-sengha, din il-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda cara u kristallina tal-Periti Ronald Muscat Azzopardi u Clarissa Caruana, li kienu nkarikati mill-konvenut, u li t-tnejn ikkonfermaw bil-gurament taghhom li x-xoghol ta’ bini kommissjonat lis-socjeta’ attrici twettaq skont kif titlob l-arti u s-sengha. Dawn il-periti kienu nkarikati mill-aspett tal-bini u rrizulta li kienu responsabbli wkoll mis-supervizjoni tal-istess. Il-punti numerati 2, 3 u 4 tar-rapport tal-Perit Grech jaqghu taht il-*brief* tal-Periti Muscat Azzopardi u Caruana. Huma accertaw il-Qorti li s-socjeta’ attrici esegwiet l-inkariku taghha skont is-sengha taht is-sorveljanza taghhom. Ghalhekk, fuq bilanc ta’ probabilitajiet, din il-Qorti se toqghod b’mod konklussiv fuq dak li xehdu l-Periti Muscat Azzopardi u Caruana u tiskarta l-punti 2, 3 u 4 tar-rapport tal-Perit Grech.

Fir-rapport tal-Perit Grech, din il-Qorti tara kawtela u reqqa ta' sengha fis-sens li fejn l-accertamenti kienu tieghu, allura kien kategoriku, mentri fejn si trattava ta' kwistjonijiet li setghu jiddependu minn *agreements between the parties* u dan riferibbilment ghall-*items* 2, 3 u 4, hemm irrimetta ruhu ghal dak li seta' rrizulta band'ohra.

L-ewwel punt tar-rapport tal-Perit Grech imsejjah *The bill for works by Tunstall Construction Co. Ltd* jimmerita konsiderazzjoni aktar fil-fond. Din il-partita, b'riferenza ghall-kont DOK EM2 (fol 35), tghid hekk *the bill dated 28th July 2007 gives a measurement of 537 square metres for the sandblasting. From site measurements the surface is 470 metres (see following tabulation).* Mela l-Perit Grech kien car.

Skont il-kumpannija attrici, abbazi tal-kont DOK EM2, il-kejl li hadet hi kien ta' 537 metri kwadri. Il-kejl ittiehed minn rappresentant tas-socjeta' attrici u minn rappresentant tas-*subcontractor* taghha. Ladarba l-periti tal-konvenut ma kienux involuti fis-*sandblasting* u *pointing* kif xehdu huma, l-anqas haga li setghet taghmel is-socjeta' attrici kienet li jew tinkarika perit indipendenti sabiex jaghmel il-kejl ladarba kienet taf li malli rcieva l-kont il-konvenut oggezzjona mill-ewwel inkella tistieden lill-konvenut sabiex ihejji stima tieghu ghall-konsiderazzjoni taghha.

<u>Limitatament</u> dwar din il-materja, din il-Qorti tistqarr li mhix sodisfatta mill-provi li ressqet is-socjeta' attrici dwar il-kont tas-*sandblasting* u *pointing.* Irrizulta li l-ftehim mal-konvenut kien biss dwar ir-rata. Irrizulta wkoll li l-kejl sar biss mis-socjeta' attrici u mis-*subcontractor* (*prima facie* it-tnejn interessati fl-esitu tal-konteggi). Irrizulta wkoll li ebda perit (naturalment hlief il-Perit Grech) ma kien inkarikat *a tempo vergine* biex jaghmel stima tas-*sandblasting* u *pointing* lanqas il-periti tal-konvenut li ghalkemm ma kienux inkarikati mill-*finishings* iccertifikaw bhala tajjeb ix-xoghol ta' bini tas-socjeta' attrici. Dan kollu jnissel incertezza.

Din il-Qorti tibqa' tinsisti wkoll daqstant li mhix hekk sodisfatta meta tqis li s-socjeta' attrici ghamlet enfasi forsi aktar minn kien mistenni, prattikament ma' aktar minn xhud wiehed, dwar il-fatt li kienet kostretta taghmel xoghol zejjed relatata mal-gholi tas-saqaf tal-kcina tar-ristorant tal-konvenut. Cio' nonostante, is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda talba ghall-hlas ta' xoghol agguntiv li kellha tinkorri mhux htija taghha u li kien jinvolvi spejjes ta' materjal, u tlitt ijiem xoghol ghal hames haddiema. Ghax sar hekk mis-socjeta' attrici, jibqa' bla twegiba, tenut kont tal-fatt li l-kont DOK EM2 hareg biss ftit anqas minn xahrejn qabel il-presentata tar-rikors mahluf.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti tghid li s-socjeta' attrici fir-rigward tal-konteggi tal-Perit Grech dwar *sandblasting* u *pointing* li kien presentat mar-risposta mahlufa ma ressqet l-ebda prova teknika fl-istadju tal-provi taghha biex tikkontradici l-konteggi tal-Perit Grech.

Ghalhekk dwar il-materja tas-*sandblasting* u *pointing* l-assjem ta' l-provi attrici mhux konvincenti anke fuq bilanc ta' probabilitajiet u ghalhekk b'riferenza ghal dik il-partita fid-DOK EM2 a fol 35 tal-process se toqghod fuq kontegg ta' 470 metri kwadri bir-rata ta' Lm 8.50 (u cioe' €19.80) ghal kull metru kwadru – total ta' Lm 3995 (€9305.85) – eskluza l-VAT.

**Ikkunsidrat –**

Meta tqabbel il-konteggi fil-kont DOK EM2 (Lm 11,600.58) mal-pretensjoni kif dedotta fir-rikors mahluf, din il-Qorti ssib differenza ta' Lm 1,946 li kien propju l-akkont li hallas il-konvenut, accettat anke minn Emanuel Buttigieg fix-xhieda tieghu. Peress li din il-Qorti qed taccetta kontegg ta' 470 metri kwadri ghas-*sandblasting* u *pointing* (minflok 537 metri kwadri) bir-rata ta' Lm 8.50 ghal kull metru kwadru, il-pretensjoni attrici trid tonqos bl-ammont ta' Lm 569.50c biex issir Lm 9,085.08 ekwivalenti ghal €21,162.25.

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**(1) Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici mhux fl-ammont pretiz minnha fl-ewwel talba izda fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf mija tnejn u sittin Ewro hamsa u ghoxrin centezmu (€21,162.25) bhala bilanc tal-prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal diversi xogholijiet konsistenti f'*sandblasting*, xoghol fuq il-fil, *trenching* u xogholijiet tal-gebel ezegwiti mis-socjeta' attrici b'inkariku tal-konvenut, fil-fond Vault No.3, Valletta Waterfront, Valletta ;**

**(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici mhux is-somma ndikata fit-tieni talba izda s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mija tnejn u sittin Ewro hamsa u ghoxrin centezmu (€21,162.25) kif fuq inghad bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mil-lum ;**

**(3) Tordna li l-ispejjes ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mis-socjeta' attrici u in kwantu ghal disghin fil-mija (90%) mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------